

L-Erbgħa, 5 ta' Mejju 2010

- (e) li t-trasferiment 'il quddiem tad-data mill-pajjiż li qed jirċievi għal pajjiżi terzi għandu jkun konformi mal-istandards tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, li għandhom jiġu stabbiliti minn mekkaniżmu li jiċċertifika l-livell xieraq; dan se japplika wkoll għal kwalunkwe trasferiment 'il quddiem possibbli tad-data mill-pajjiż li qed jirċievi għal pajjiżi terzi;
- (f) li d-data tal-PNR tista' tiġi providuta biss fuq il-bażi tal-metodu PUSH;
- (g) li r-riżultati jkunu mgħarrfa immedjatament lill-awtoritajiet rilevanti tal-UE u tal-Istati Membri;
10. Jissottolinja l-importanza taċ-ċertezza legali għaċ-ċittadini u l-linji tal-ajru tal-UE, kif ukoll il-bżonn ta' standards armonizzati għal dawn tal-aħħar;
11. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Presidenza biex jiżguraw li l-Parlament jingħata aċċess sħiħ għad-dokumenti u d-direttivi tan-negozjati fl-istadji kollha tal-proċedura skont l-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u li l-parlamenti nazzjonali jingħataw aċċess fuq talba;
12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, lill-Gvern tal-Isati Uniti tal-Amerika u liż-żewġ Kmamar tal-Kungress, lill-Gvern tal-Awstralja u liż-żewġ Kmamar tal-Parlament, kif ukoll lill-Gvern tal-Kanada u liż-żewġ Kmamar tal-Parlament.

Projbizzjoni fuq it-teknoloġiji ta' estrazzjoni mill-minjieri bl-użu taċ-ċjanur

P7_TA(2010)0145

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar projbizzjoni ġenerali tal-użu ta' teknoloġiji tat-tħaffir biċ-ċjanur fl-Unjoni Ewropea

(2011/C 81 E/13)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-prinċipju tal-prekawzjoni kif stipulat fid-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika ta' Rio de Janeiro f'Ġunju 1992,
- wara li kkunsidra l-għanijiet ambjentali tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ("Direttiva Qafas dwar l-Ilma"),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni, li ttipprovi għall-użu taċ-ċjanur, filwaqt li fl-istess ħin tistipula l-livelli massimi permissibbli ta' ċjanur,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2003 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (Seveso II) dwar il-kontroll fuq il-perikoli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi, li tiddikjara li [...] ċertu ħżin u attivitajiet ta' proċessar fit-tħaffir fil-minjieri [...] għandhom potenzjal li jikkawżaw konsegwenzi serji ħafna,

L-Erbgħa, 5 ta' Mejju 2010

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali, skont liema direttiva l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-operaturi li ma jgħorrox il-piż tal-ispejjeż għad-danni ambjentali jekk ikun hemm provi li ċerti kundizzjonijiet ikun ġew sodisfati,
 - wara li kkunsidra l-programm ta' 18-il xahar tal-Presidenza Spanjola, Belġjana u Ungeriża, u l-prijoritajiet tagħhom rigward il-politika dwar l-ilma u l-bijodiversità,
 - wara li kkunsidra l-miżuri meħuda mir-Repubblika Ċeka dwar il-projbizzjoni ġenerali ta' teknoloġiji taċ-ċjanur, permezz tal-emenda tal-Att tat-Tħaffir Nru 44/1988 fis-sena 2000, l-emenda għall-Att Ungeriż dwar it-Tħaffir Nru 48/1993 tal-2009, li tintroduċi projbizzjoni ta' teknoloġiji tat-tħaffir ibbażati fuq l-użu taċ-ċjanur fit-territorju tal-Ungerija, u d-digriet Ġermaniż mgħoddi fl-2002 li jipprojbixxi t-tħaffir bl-użu taċ-ċjanur,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi n-Nazzjonijiet Uniti ddikjarat l-2010 bħala s-Sena Internazzjonali tal-Bijodiversità, filwaqt lis-stiednet lid-dinja biex tieħu azzjoni ħalli tħares id-diversità tal-ħajja fid-dinja,
- B. billi ċ-ċjanur huwa sustanza kimika tossika ħafna użata fl-industrija tat-tħaffir għad-deheb, sustanza li tikkwalifika bħala kontaminant prinċipali skont l-Anness VII tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u li jista' jkollha impatt diżastru u irriversibbli fuq saħħet il-bniedem u fuq l-ambjent u għalhekk fuq il-bijodiversità,
- C. billi fil-Pożizzjoni Konġunta tagħhom dwar it-tħaffir sostenibbli maħruġa fl-14-il Laqgħa tagħhom fil-25 ta' Mejju 2007 fi Praga (Repubblika Ċeka), il-Ministri tal-Ambjent tal-Pajjiżi Visegrad (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja), esprimew it-tħassib tagħhom dwar it-teknoloġiji perikolużi użati u ppjanati għal attivitajiet ta' tħaffir f'siti differenti fir-reġjun, li jinvolvu perikli ambjentali konsiderevoli b'konsegwenzi potenzjali transkonfinali,
- D. billi fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Sofia dwar il-Kooperazzjoni għall-Ħarsien u l-Użu Sostenibbli tax-Xmara Danubju, il-Partijiet qablu li, minbarra l-istatus tiegħu ta' sustanza perikoluża prijoritarja skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, iċ-ċjanur huwa klassifikat ukoll bħala sustanza perikoluża rilevanti,
- E. billi fdawn l-aħħar 25 sena fid-dinja kollha kien hemm aktar minn 30 inċident kbir li jinvolvu t-tixrid taċ-ċjanur, li l-agħar wieħed minnhom seħħ 10 snin ilu, meta iktar minn 100 000 metru kubu ta' ilma mniġġes biċ-ċjanur ħarġu minn ġibjun ta' minjiera tad-deheb għal ġos-sistema tax-Xmajjar Tisza-Danubju u kkawżaw l-ikbar diżastru ekoloġiku fl-istorja tal-Ewropa Ċentrali ta' dak iż-żmien, u billi ma hemm ebda garanzija reali li inċidenti bħal dawn mhux se jerġgħu jseħħu, b'mod speċjali meta nqisu li inċidenza ta' kundizzjonijiet tat-temp estremi qegħda kulma jmur tiżdied, fosthom każijiet ta' preċipitazzjoni qalila u frekwenti, kif proġettat mir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima,
- F. billi diversi Stati Membri tal-UE għadhom qed jikkunsdiraw proġetti ġodda ta' minjieri tad-deheb miftuħa u fuq skala kbira li jużaw teknoloġiji taċ-ċjanur f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni, proġetti li jippreżentaw theddid potenzjali ulterjuri għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent,
- G. billi skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jilħqu u jmantnu "status tajjeb" għar-riżorsi tal-ilma u li jevitaw li dawn jiġu mniġġsa b'sustanzi perikolużi; billi, madankollu, li l-istatus tajjeb jista' jiddependi wkoll mill-kwalità tal-ilma f'baċin ta' xmara f'pajjiżi ġara li jużaw teknoloġiji tat-tħaffir biċ-ċjanur,

L-Erbgħa, 5 ta' Meju 2010

- H. billi l-effetti transkonfinali tal-inċidenti li jinvolvu ċ-ċjanur, b'mod partikulari rigward il-kontaminazzjoni ta' baċini tax-xmajjar kbar u l-provvista tal-ilma tal-pjan, jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ tal-UE għat-theddida ambjentali serja li joħloq it-tħaffir biċ-ċjanur,
- I. billi hemm nuqqas ta' regoli prudenzjali u garanziji finanzjarji xierqa, u billi l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar it-tħaffir biċ-ċjanur tiddependi wkoll fuq il-ħiliet tal-poteri eżekuttivi ta' kull Stat Membru, u għalhekk hija biss kwistjoni ta' żmien sakemm in-negliġenża tal-bniedem twassal għal inċident,
- J. billi d-Direttiva dwar l-Iskart mill-Industrija tal-Estrazzjoni għadha ma ġietx implimentata għal kollox f'xi Stati Membri,
- K. billi t-tħaffir biċ-ċjanur joħloq ftit impjeggi, u dan għal perjodu ta' bejn 8 u 16-il sena biss, filwaqt li jgħorr miegħu ir-riskju ta' danni ekoloġiċi transkonfinali enormi li normalment ma jingħatax kumpens għalihom mill-kumpaniji operattivi responsabbli, li normalment jisparixxu jew ifallu, iżda mill-istat, jiġifieri ċ-ċittadini li jħallsu t-taxxi,
- L. billi l-kumpaniji operattivi m'għandhomx assigurazzjoni għal żmien twil li tkun tkopri l-ispejjeż imġarrba f'każ ta' inċident jew ħsara fil-ġejjieni,
- M. billi tunnellata ta' metall ta' grad baxx trid tiġi estratta sabiex jipproduċu żewġ grammi deheb, u għaldaqstant jitħallew ammonti enormi ta' skart tat-tħaffir fis-siti, filwaqt li bejn 25 u 50 % tad-deheb fl-aħħar mill-aħħar jibqa' fil-borġ tal-iskart; billi, barra minn hekk, il-proġetti tat-tħaffir biċ-ċjanur fuq skala kbira jużaw diversi miljuni ta' kilogrammi ta' ċjanur tas-sodju kull sena, li t-trasport u l-ħżin tagħhom joffru l-potenzjal għal konsegwenzi katastrofiċi f'każ li tinqala' problema,
- N. billi alternattivi għat-tħaffir biċ-ċjanur li jistgħu jieħdu post it-teknoloġiji msejsa fuq iċ-ċjanur fil-fatt jeżistu,
- O. billi qed jiġu organizzati protesti pubbliċi qawwija kontra l-proġetti ta' tħaffir biċ-ċjanur li għaddejjin bħalissa fl-Ewropa, protesti li jinvolvu mhux biss liċ-ċittadini individwali, il-komunitajiet lokali u l-NGOs, iżda wkoll lil organizzazzjonijiet tal-istat, gvernijiet u politiċi,
1. Iqis li l-konformità mal-għanijiet tal-UE skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, jiġifieri l-kisba ta' status kimiku tajjeb għar-riżorsi tal-ilma u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tad-diversità bijoloġika, tista' tinkiseb biss jekk ma titħallix tintuża it-teknoloġija taċ-ċjanur fit-tħaffir;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi projbizzjoni sħiħa tal-użu tat-teknoloġiji taċ-ċjanur fit-tħaffir fl-Unjoni Ewropea qabel tmiem l-2011, minħabba li dan huwa l-uniku mod sikur kif inħarsu r-riżorsi tal-ilma u l-ekosistemi tagħna kontra t-tniġġis biċ-ċjanur mill-attivitajiet tat-tħaffir, u biex fl-istess ħin twettaq valutazzjoni tal-impatt normali;
 3. Jinnota l-inizjattivi rilevanti fi ħdan is-sistemi tal-UE u tan-NU u jħeġġeġ b'qawwa l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' alternattivi ta' tħaffir iktar sikuri, partikolarment dawk mingħajr iċ-ċjanur;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ma jappoġġawx il-proġetti ta' tħaffir li jinvolvu t-teknoloġija li tuża ċ-ċjanur fl-UE, b'mod dirett jew indirett, sakemm tkun applikabbli projbizzjoni ġenerali, u biex ma jappoġġawx proġetti bħal dawk f'pajjiżi terzi;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tħeġġeġ ir-rikonverżjoni industrijali taż-żoni fejn kien ipprojbit it-tħaffir biċ-ċjanur, permezz ta' appoġġ finanzjarju xieraq għall-industrija ħodor alternattivi, l-enerġija li tiġġedded u t-turiżmu;

L-Erbgħa, 5 ta' Mejju 2010

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi emenda għal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni biex tkun tirrikjedi li kull kumpanija operattiva għandu jkollha assigurazzjoni biex tħallas għad-danni u biex tkopri l-ispejjeż kollha ta' rimedju sabiex jerġa' jiġi stabbilit mill-ġdid l-istatus ekoloġiku u kimiku oriġinal f'każ ta' inċident jew ħsara;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri.

Ġlieda kontra l-kanser tas-sider fl-Unjoni Ewropea

P7_TA(2010)0146

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar il-ġlieda kontra l-kanser tas-sider fl-Unjoni Ewropea

(2011/C 81 E/14)

Il-Parlament Ewropew,

— Wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- A. billi 331 392 mara jiġu dijanjostikati fl-Unjoni Ewropea kull sena,
- B. billi l-kanser tas-sider huwa l-kawża ewlenija tal-mewt fin-nisa ta' bejn il-35 u d-59 sena, u 89 674 mara tmut bil-kanser tas-sider fl-UE kull sena,
- C. billi l-ittestjar mammografiku jista' jnaqqas l-imwiet mill-kanser tas-sider b'massimu ta' 35 % fin-nisa bejn il-50 u u d-69 sena,
 1. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jintroduċu testijiet tas-sider fil-pajjiż kollu, skont il-linji gwida tal-UE.
 2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex kull sentejn tippreżenta rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-ittestjar mammografiku fil-pajjiżi kollha tal-UE.
 3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja studji dwar jekk it-testijiet humiex siewja għal nisa ta' aktar minn 69 sena u ta' anqas minn 50 sena.
 4. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jipprovdu taqsimiet speċjalizzati multidixxiplinarji għas-sider, skont il-linji gwida tal-UE sal-2016, u lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport regolari ta' progress.
 5. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta statistika aġġornata u affidabbli dwar il-kanser tas-sider u sabiex tappoġġja l-iżvilupp tar-reġistri nazzjonali tal-kanser.
 6. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa protokoll ta' ċertifikazzjoni għal taqsimiet speċjalizzati tas-sider skont il-Linji Gwida tal-UE sal-2011 u biex tipprovdi finanzjament adegwat għal dan.
 7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ⁽¹⁾, lill-Parlamenti tal-Istati Membri.

(1) Il-lista tal-firmatarji hija ppublikata fl-Anness 1 tal-Minuti tal-5 ta' Mejju 2010 (P7_PV(2010)05-05(ANN1)).